**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 209 tal-21 ta' Frar 2024 dwar l-aġenda tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-seduta tal-bieraħ, 20 ta' Frar 2024, eżatt wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Darren Carabott, talab hekk:

> "**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, nagħmel referenza għal dak li għadu kif seħħ illum waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. B'dispjaċir qed niġi hawnhekk u nitolbok sabiex tiggwida x'jiġri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi meta jkollok abbuż sfrenat tal-maġġoranza tal-Gvern f'dan il-Kumitat, li jridu jwaqqfu milli l-Oppożizzjoni ttella' suġġett, investigazzjoni, rapport ieħor tal-Awditur Ġenerali. Illum kellna sitwazzjoni fejn tliet membri tal-Oppożizzjoni xtaqu li jittella' quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi rapport ieħor għad-diskussjoni, u l-membri tal-Gvern ħadu vot sabiex iwaqqfu milli dan isir, u fl-istess waqt għamlu referenza għal mozzjoni li qalu li kienet saret f'laqgħa fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, li kkwotaw, u se nispjegaha sabiex tara li dawn ikkwotaw li kien hemm ftehim – qed ngħid x'qalu huma – ta' alternanza tas-suġġetti, ċjoè suġġett tal-Oppożizzjoni u suġġett tal-Gvern. Però nagħmillek referenza, Sur President, għal żewġ istanzi fejn il-Gvern stess kiser dak il-ftehim. Ċjoè, li ilu ma jtella' r-rapport tiegħu dwar il-faqar, jekk se nitkellmu fuq l-alternanza, mill-5 ta' Lulju 2022. Fl-istess ħin, u tajjeb li nagħmlu referenza għaliha wkoll jekk se nitkellmu fir-rigward tal-alternanza, kien hemm ukoll ir-rapport l-ieħor tal-obeżità li ttella'; ċjoè li ma kienx hemm biss żewġ rapporti. Il-kumitat stess qabel *nem. con.* li nimxu f'din id-direzzjoni. Għaldaqstant, se nitolbok sabiex tiggwida jekk kienx hemm abbuż tal-maġġoranza sabiex iżżomm lill-Oppożizzjoni milli ttella' r-rapport li tixtieq tiddiskuti fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. (Onor. Membri: Hear! Hear!)"

Is-Sedja semgħat ukoll dak li kellu xi jgħid l-Onor. Alex Muscat, li qal, u nikkwota:

> "**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, mnalla bħala Gvern ma nafdawx lill-Oppożizzjoni, u mnalla l-affarijiet nagħmluhom bil-miktub. Tant huwa hekk, li konna vverbalizzajna f'laqgħa tal-istess Public Accounts Committee dwar kif għandu jipproċedi x-xogħol fil-Public Accounts Committee. Dak il-ftehim, ivverbalizzat, li konna qbilna miegħu ż-żewġ naħat tal-Kamra, aħna qatt ma ddipartixxejna minnu. L-Oppożizzjoni llum ippruvat tiżloq minn dak li kien miftiehem, u aħna sempliċement illum qed ngħidu li mnalla ma nafdawkomx u l-affarijiet għamilniehom bil-mitkub fil-laqgħa tal-Ħamis, 2 ta' Ġunju 2022. Aħna, dak li nikkommettu għalih, se nonorawh. Għall-Oppożizzjoni, b'mod ċar, mhuwiex il-każ. (Onor. Membri: Hear! Hear!)"

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni sħiħa ta' kif żvolġiet il-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u b'dispjaċir tinnota illi nqala' dan id-diżgwid, li spiċċa ħa l-parti l-kbira tal-ħin tal-laqgħa.

Is-Sedja tirrileva illi, kif spjegat f'diversi rulings tas-Sedja, anke diversament ippreseduta, hija ma tistax tindaħal fit-tmexxija ordinarja tal-kumitati, aktar u aktar fil-każ inkwistjoni fejn il-Kumitat kien wasal għal ftehim kif ser jiġu skedati l-laqgħat u l-aġenda tagħhom.

Nibda billi nikkwota ruling tal-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010 fejn kien stabbilit b'mod ċar illi:

> "Iċ-Chairman ta' Kumitat għandu l-fakultà li jmexxi s-seduta tal-Kumitat li huwa jippresiedi u s-Sedja b'mod ġenerali ma tindaħalx kif issir din it-tmexxija ħlief f'ċirkostanzi partikolari fejn ikun meħtieġ li tara li l-Ordnijiet Permanenti, ir-regoli u prassi ta' din il-Kamra tad-Deputati u tal-Kumitati tagħha huma segwiti. L-Ordnijiet Permanenti ma jittrattawx il-proċeduri li bihom jimxu l-Kumitati u għalhekk wieħed irid jara l-prassi li ġiet stabbilita maż-żmien fid-dawl tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kollha li *mutatis mutandis* u b'mod ġeneriku, għandhom ikunu riflessi fil-qafas tat-tmexxija tal-Kumitati.
>
> Kif jgħid tajjeb l-*Erskine May* fil-paġni 795 u 796 tat-23 ħarġa tiegħu "Order in debate in a committee is enforced by the chairman, as he is responsible for the conduct of its business, and no appeal from his decision should be made to the Speaker". .... L-iSpeaker ma jindaħalx dwar dan għaliex materji ta' tmexxija ordinarja bħal dawn iridu jitħallew f'idejn iċ-*Chairman* tal-Kumitat li jkun qed imexxi l-proċeduri tal-Kumitat. Is-Sedja ma tissindikax l-istil ta' tmexxija ta' Chairman jew jekk Chairman imexxix tajjeb jew le s-seduti tal-Kumitat li jippresiedi."

Din hija l-pożizzjoni li ħadet is-Sedja preżenti kull meta kellha lmenti li jirrigwardaw it-tmexxija ta' kumitat, bħal fost l-oħrajn fis-seduta 26 tal-4 ta' Ġunju 2013, fis-seduta 116 tal-4 ta' Frar 2014, fis-seduta 441 tas-16 ta' Marzu 2021 u fis-seduta 521 tas-17 ta' Novembru 2021. Fl-aħħar ruling ċitat, is-Sedja kienet għamlet referenza wkoll għal estratt ieħor mir-ruling tal-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, u nikkwota:

> "It-tielet materja li s-Sedja trid tiddeċiedi tittratta dwar jekk l-Aġenda jew xi item fuqha jistgħux jiġu kkontestati mill-membri tal-Kumitat. L-Ordnijiet Permanenti ma jindikaw xejn speċifiku dwar dan il-punt għar-rigward tal-Kumitati tal-Kamra. Minkejja li tinħareġ mill-President tal-Kumitat wara li jkun fassalha waħdu jew in konsultazzjoni mal-membri tal-Kumitat, is-Sedja hija tal-fehma li l-Aġenda fit-totalità tagħha u għar-rigward ta' kull item tagħha, tibqa' materja ta' kompetenza tal-Kumitat kollu. Allura jsegwi li xejn ma jwaqqaf lil xi membru li jikkontestaha jew li jikkonstesta xi item minnhom jew jikkontesta li jitqiegħed xi item partikolari fuq l-Aġenda li jkun qed jiġi propost, jew anki jipproponi li item jitqiegħed fuq l-Aġenda, u li wkoll jitlob vot fuq dan.
>
> Wieħed irid iżda jenfasizza li din hija materja delikata għaliex għar-rigward ta' dak li jiddiskuti l-Kumitat, f'sistema parlamentari, anki l-pożizzjoni tal-minoranza għandu jingħatalha l-valur tagħha."

Għaldaqstant, is-Sedja tara li l-Kumitat biss għandu jara kif jitħaddem il-ftehim li ntlaħaq mill-istess Kumitat, u li bil-buon sens u r-rieda t-tajba tal-Membri kollha tal-Kumitat għandu jasal għal mod kif jista' jkompli bil-ħidma importanti tiegħu biex jagħmel l-aħjar użu mill-ħin disponibbli lilu b'mod li jagħmel ġieħ lil din l-ogħla istituzzjoni u jkun ta' servizz vera għall-poplu li qed jirrappreżenta.

Ir-ruling huwa deċiż.